# GĦAL DUN MIKIEL XERRI [1]

## SUNETT

Kont għadni, nista' ngħid ċkejken tarbija
meta ktieb-il-ġrajjiet ħabbibni miegħek,
għax fik għaġġbitni l-ħila barranija,
u l-kelma sħiħa bħall-egħruq ta' driegħek.

Iżda kif ġejt fuq l-għatba tar-rġulija
u xtaqt inbus lil dak li qatt ma tmiegħek,
u fittixt, imm'għalxejn, fuq l-art maltija
ħaġra li turi fejn hu l-qabar tiegħek,

jien regħ'xt u bkejt, għax rajt kemm kienet xħiħa
miegħek din l'Art li int ħabbejt fis-sewwa,
b'imħabba safja w bla nuqqas sabiħa;

għax tajfitna b'għamilek sfat mirquma,
u għall-qawwa li wrejt quddiem l-egħdewwa
kienu jitkabbru bik Atene w Ruma.

11/12/32

DUN KARM.